Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

(Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali)

Magistrat Dottor Monica Vella LL.D.; M.Jur.

Il-Pulizija

(Spettur Alfredo Mangion)

Vs

Francis Grima

Kumpilazzjoni Numru: 218/19

Illum 24 ta' Jannar 2024;

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi pprezentati mill-Pulizija Ezekuttiva nhar il-5 t' April 2019 talli:

**Francis Grima**, iben Nicholas u Grace nee' Camilleri, imwieled Haz-Zebbug nhar il-11 ta' Frar 1954 u residenti gewwa Qalb ta' Gesu', Triq il-Kurkanta, Haz-Zebbug (Malta) u detentur tal-karta tal-identita' numru 244154M.

Akkuzat talli nhar l-4 t'April 2019 ghal habta ta' l-ghaxra u nofs ta' fil-ghodu gewwa Triq il-Kurkanta, Haz-Zebbug (Malta) u f'dawn il-Gzejjer:-

1. Volontarjament ikkagunajt hsara fil-gisem jew fis-sahha u cioe' offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' martu Carmela Grima Fizpatrick ID 816557M skond ma iccertifikat Dr. Anna Micallef (Med Reg. no. 414) mic-centru tas-sahha ta' Hal-Qormi u dan skond l-artikolu 216(1)(a)(b)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Insulentajt, heddidt jew ingurjajt bi kliem jew b'mod iehor lil martek Carmela Grima Fitzpatrick ID 816557M u dan bi ksur tal-artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Ksirt volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku. Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din l-Onorabbli Qorti giet gentilment mitluba tohrog Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil martu Carmela Grima Fizpatrick u r-residenza taghha kif ukoll il-postijiet li tali persuna tiffrekwenta.[1].

Hadet nota li l-imputat wiegeb mhux hati tal-akkuza fis-seduta tal-5 ta' April 2019.[2]

[1] Folio 1 tal-process
[2] Folio 5 tal-process.

Hadet nota ukoll tal-fedina penali tal-imputat prezentata in atti mill-prosekuzzjoni[3].

Hadet nota tal-artikoli mahruga mill-Avukat Generali nhar is-sbatax ta' Settembru tas-sena 2020 fejn fiha elenka l-artikoli 214, 215, 218(1)(a)(b)(2), 221)1)(a),338(dd), 339(1)(d), 17, 31, 328A, 383, 384, 386, 412C, 412D, 532A, 532B, u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta bhala il-bazi tal-akkuza.[4]

Hadet nota ukoll tal-istqarrija tal-imputat fejn ma oggezzjonax u ta l-kunsens tieghu biex jigi iggudikat minn din il-Qorti fis-seduta tal-1 ta' Ottubru 2020[5].

Rat l-atti kollha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2023.[6]

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

[3] Folio 7 tal-process.
[4] Folio 203 tal-process.
[5] Folio 204 tal-process.
[6] Folio 302 tal-process.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor.**

Dan il-kaz jirrigwarda aggressjoni li allegatament l-imputat ikkommetta fuq martu, il-kwerelanta Carmela Grima Fitzpatrick f' Haz-Zebbug. F'din l-aggressjoni il-mara tallega li kisrilha subghaja.

Minn naha tieghu l-imputat isostni li huwa gie aggredit minn martu u li hu kien ghamel biss atti ta' *self-defence*. Hu jallega li hu garrab grif f' ghonqu.

**Provi:**

Xehdet **l-allegata vittma** nhar is-16 ta' April 2019. Spjegat li fl- 4 t' April l-imputat qabad jaghtiha. Tghid li marret tiehu l-gakketta mill-bedroom u ratu fix-xifer tal-parapett. Nizlet tigri lejn il-garaxx peress li hija kienet hierga. Tektkitlu fuq it-tieqa u qaltlu li kienet hierga bil-vettura. Tghid li hu dahal jigri bir-reverse. Tkompli tispjega li hu qabad jsabbat ix-xoghol u beda jghajjat u jitkellem hazin u hija qabdet it-triq u harget il-barra.[7] Tghid li hu ghalaqha u ma hargitx bil-karrozza. Tghid li kien hemm il-partner tat-tifel u hija qaghdet tistenna fil-parapett sakemm johrog hu, ossija l-imputat. Qalet li wara gie warajha u qallilha 'l-cooler tmissux, minn gol-cooler tmissli xejn u l-karrozza tmisshiex'. Ghal-ewwel injoratu pero' wara daret u qaltlu li dawk l-affarijiet taghha ghax qeghdin go hwejjigha. Minn dak il-hin qabad

[7] Folio 30 tal-process.

jghajjat u jerfa' jdejh u jimbuttani 'l hemm u jimbuttani 'l hawn. Tkompli tispjega li wara qabad il-bieb biex jitla' fuq u hija marret u qaltlu li 'issa marritlu l-ghaggla'. Tghid li qabad jaghtiha bil-ponn u sabbatha mal-hajt tal-faccata. Taha bis-sieq fl-istonku, fuq kuxtejha u beda jaghtiha bil-ponn imbaghad dahal il-partner tat-tifel u beda jghidlu li 'mhux hekk.'[8]

Tghid li kisrilha subajha u ghandha l-istonku jugaghha kif ukoll kuxtejha. Tishaq lill-partner tat-tifel Ben qallu li jiena bdejt naghtih li jaghmel vendetta fuq kulhadd. Tishaq li hija marret quddiemu biex ma jitlax fuq minhabba li kien hemm il-klieb u kien hemm li infexx jaghtiha u qabadha minn ida u sabbatha mal-hajt.

Kontro-ezaminata tghid li huma ma jghixux taht l-istess saqaf ghax hu qabad u telaq. Taqbel li kuljum jigi gol-garaxx u jitla' fuq fid-dar. Ma taqbilx li bejn wiehed u iehor jigi fl-istess hin, imma l-akkuzat ma ghandux hin. Tghid li kif ratu nizlet mill-ewwel. Tghid li mhux dejjem jitla' fuq u l-incidenti kienu ta' spiss. Qalet li l-imputat impika maghha ghalhekk ma hallihiex tohrog il-vettura. Tghid li meta qalilha l-cooler biex ma tmissux il-cooler kien gol-garaxx.

Xehed **PS 1482 Bjorn Schembri** nhar il-15 ta' Mejju 2019 fejn ipprezenta l-NPS report bin-numru 2/D/864/2019. Jghid li hu hareg ukoll akkuzi fil-konfront ta' Carmela Grima Fitzpatrick.[9]

[8] Folio 31 tal-process.
[9] Folio 50 tal-process.

Xehed **Benedict Emanuel Banner** nhar il-15 ta' Mejju 2019 u jikkonferma l-incident fid-data tal-akkuza.[10] Jghid li huwa kien miftihem mal-vittma. Jghid li normalment jiehdu l-kelba ghand Carmen. Jghid li x'hin wasal fir-residenza taghha u Carmen harget mill-garage, taha l-kelba u fid-drive way kien hemm il-bieb miftuh. Jghid li fil-garage kien hemm ir-ragel ta' Carmen, Frans. Jghid li meta kien fid-drive way beda jisma' tisbit, ghajjat u dagha u hafna tghajjir. Meta harget staqsiha x'gara u qaltlu li dak kien Frans irrabjat u ahjar jistennew barra. Fil-fatt hekk ghamlu. Meta hareg qaltli li nistghu nidhlu. Jghid li kif kien hiereg mill-karrozza tieghu mar fid-direzzjoni tal-garaxx u ghalaq bieba wahda. Wara ftit beda jisma' 'ghajjut, hallini qed tweggaghni' u kien f'dak il-hin li dahal fil-garage.[11] Dik il-persuna li bdiet tghajjat ghall-ghajnuna kienet Carmen. Din tal-ahhar pprovat tohrog minn taht idejh u rah irrabjat hafna.[12] Qal li hu ipprova jikkalma lil Frans u innota lil Carmen f'rokna tirtrighed u imbezza'. Qal li rah jigbidha minn xaghar, jaghtiha bil-ponn u bis-sieq. Kien hemm li dahal bejniethom. Jispjega li hu qallu li hija attakkatu pero' ix-xhud mill-ewwel qallu li ma ra xejn minn dan. Qallu ukoll li hu kien mejjet mal-ohrajn jekk ma jghidx li hija attakkatu. Qallu li ha jaghmel vendetta fuqu u fuq kulhadd. Mar fil-van u saq irrabjat.[13] Qal li t-thumb tal-left beda jintefhilha u cempel lil Keith u haduha l-ghassa. Carmen tigi omm il-partner tieghu.

Kontro-ezaminata jikkonferma li hu mar ir-residenza ta' Carmen. Jghid li lill-imputat gieli rah. Jikkonferma li ghal ewwel ma kienx jaf li hemm Frans fil-garage. Jikkonferma li l-ewwel sema' t-talba ghall-ghajjut minghand Carmen u imbaghad ra l-aggressjoni. Jghid li Frans ma

[10] Folio 57 tal-process.
[11] Folio 59 tal-process.
[12] Folio 59 tal-process.
[13] Folio 60 tal-process.

telaqx il-barra imma baqa' gol-garaxx. Jikkonferma li ghall-ewwel meta Carmen baqghet barra qaltlu li Frans kien irrabjat u ahjar joqghodu jistennewh barra.

Xehed **PS James Mangion** nhar it-3 ta' Gunju 2019 u spjega l-involviment tieghu fl-investigazzjoni u fir-rapport. Jikkonferma li l-kwerelanta kella idejha infaxxata.[14]

Xehed l-**iSpettur Alfredo Mangion** nhar it-3 ta' Gunju 2019 fejn stqarr l-involviment tieghu fl-istharrig. Jikkonferma l-istqarrija li hu ha lill-imputat fejn sostna li hu agixxa biex jiddefendi ruhu[15].

Xehed **Dr. Mario Scerri** nhar il-15 ta' Lulju 2019 fejn ipprezenta r-relazzjoni tieghu in segwitu ghad-digriet datat 15 ta' Mejju 2019 fejn ezamina lill-kwerelanta fit-18 ta' Gunju 2019.[16] Jghid li l-lezjoni f' subajha hija 'gravi per durata izda ghadu kmieni wisq biex wiehed jiddetermina jekk il-motor power u l-funzjoni tas-saba' tergax tigi ghan-normali bhal ma kienet'.[17]

Xehdet fil-15 ta' Lulju 2019 it-**tabiba Anna Micallef** li ikkonfermat ic-certifikat mediku tal-vittma.[18]

---

[14] Folio 74 tal-process.
[15] Folio 80 tal-process.
[16] Folio 89 tal-process. Certifikat taz-zwieg a folio 102 ipprezentata mill-Ispettur Mangion nhar il- 15 ta'Lulju 2019.
[17] Folio 96 tal-process. Spejjez peritali a folio 97 tal-process Ewro 259.
[18] Folio 98 tal-process.

Xehdet fil-21 ta’ Novembru 2019 **Annalise Borg** li qalet li kienet tahdem mal-victim support unit tal-pulizija fuq vjolenza domestika. Qalet li kienet isseggwi lill-allegata vittma fejn qaltilha li hija tibza’ hafna minn zewgha.[19] Tghid li minn naha taghha ma kellhiex kuntatt aktar mal-klijenta ghax spiccat mill-impieg.

Xehdet **Dr. Clarence Pace** tghid li hija ezaminat lill-kwerelanta l-isptar ghax ma setetx tiftah halqa kif suppost. Mill-ewwel ezamijiet ma irrizulta xejn pero’ qed jistennew li tiehu MRI scan.[20] Tghid li wara l-incident rata darb’ohra u issuggiritilha li tilbes mouth guard specjalment bil-lejl. Ratha ukoll fis-26 ta’ Lulju u s-sintomi kienu ahjar u irrakomandatilha li toqghod fuq soft diet.[21]

Rega’ xehed **Dr. Mario Scerri** fl-24 ta’ Gunju 2020 u qal li l-funzjonijiet tas-saba’ huma preservati pero’ tkun mugughha. Hu ezamina lill-pazjenta fit- 18 ta’ Gunju 2020.[22]

Xehed l-imputat **Francis Grima** nhar is-17 ta’ Frar 2021 fejn hu jikkonferma li l-incident sar fid-data u l-hin mertu tal-akkuza.[23] Jiftakar li kien hemm Ben bil-kelb f’idejh u qallu li kien mghaggel. Jghid li ltaqa’ mieghu fil-parapett. Jghid li kien mghaggel ghax ried imur il-Qorti. Qalet li f’hin minnhom giet martu thabbatlu mal-hgiega u qallilha li kien mghaggel. Hi qaltlu biex icedilha pero’ qallilha li kien mghaggel u ried ihott ix-xoghol. Jghid li ‘***kif dahlet fil-garaxx tatni daqqa ta’ ponn fuq wicci qaltni issa dejjaqtni***’.[24] Qaltlu li l-karti tas-

[19] Folio 136 tal-process.
[20] Folio 142 tal-process.
[21] Folio 144 tal-process.
[22] Folio 183 tal-process. Spejjez Ewro 225 tal-process.
[23] Folio 208 tal-process.
[24] Folio 210 tal-process

separazzjoni mhux ser taghtihomlu. Jghid li hija bdiet tigri warajh u hu jdur mal-van qiesu iblah u bdiet tiggranfah. Kellu ghonqu imqatta'. Qalilha li ahjar tmur tigbor lil bintha li ramiet. Jghid li kull ma ghamel hu li imbuttaha b'saqajh bic-catt. Qal li Ben ma riedx jidhol fiha l-istorja. ***Jghid li l-ewwel daqqa li taghtu kien fil-parapett***.[25] Jikkonferma li dak li qal lill-ispettur xehdu hawn quddiem il-Qorti. Jghid li sar jaf li individwu ra lil martu tigri warajh u qal lill-mara tieghu. Jghid li xi hmistax wara marret Ghawdex ixxejjer idejha.[26] Jghid li wara l-kaz ma marritx mill-ewwel taghmel ir-rapport imma iltaqghet ma' habiba taghha u qaltilha hi biex taghmel rapport. Skond ix-xhud dan qalulu n-neputi tieghu Pierre Grima. Jghid li ghandu recording ta' din il-konversazzjoni. Jghid li hu ghandu zewg kazi ohra fuq affarijiet simili barra dan il-kaz. Isostni li din ghamlet hajja ta' sinjura u anki l-helper tieghu tqabbdu jaghmel hafna affarijiet.[27]

Kontro-ezaminat jghid li r-ritratti ezebiti minnu hadhomlu n-neputi. Jaqbel li Carmen tidher b'idejha infaxxata u li dawk huma relatati ma' Ghawdex. Jaqbel li hu gie offrut assistenza medika u hu irrifjuta. Jaqbel li l-kaz tieghu fil-konfront ta' martu waqa' u izid jghid li wasal tard il-Qorti ghax mar post hazin.

Jaqbel li l-argument sehh gol-garaxx. Jghid li l-persuna li rat l-argument kien fuq il-bejt faccata. Jghid li qatt ma ghamel rapport fil-konfront ta' martu.

[25] Folio 213 tal-process.
[26] Folio 215 tal-process.
[27] Folio 220 tal-process.

Xehed **Pierre Grima** nhar is-7 ta' Mejju 2021 u jghid li l-allegat vittma u l-allegat aggressur huma z-zijiet tieghu.[28] Jghid li cemplulu l-ghassa u sar jaf li l-imputat qieghed arrestat. Jghid li ma' zitu r-relazzjoni baqghet l-istess. Tghid li kienet tixtri minn ghandu u bdiet tghid kontra iz-ziju pero' huwa dejjem zamm lura. Xi gimgha wara kien hemm telefonata bejnu u bejn zitu. Jghid li z-zija kellha vettura bil-hsara u hadielha ghand il-mekkanik u qaltlu biex ma jmurx jghid liz-ziju ghax ikissirilha u hija tmur tkissirlu l-hanut. Beda jahseb li l-affarijiet ser jiggravaw. Jghid li marret wahda mara fuqu u qaltlu li waqt l-argument iz-zija tieghu kienet qisa tigra. Isostni li hija qaltlu x' gara fl-incident xi 4 ijiem wara. Jikkonferma li hija qaltlu li argumentaw u li hu ma saqx mill-ewwel ghalkemm qaltlu li kienet mghaggla. Qaltlu li wara l-incident marret ghand habiba taghha u hija qaltilha ahjar tmur l-ghassa.[29] Jghid li r-recordings tat-telefonati ghaddihom liz-ziju fuq USB.

Mistoqsi mill-parte civili jghid li hu jidhol gol-garaxx taz-zijiet biex juza l-fridge. Ma setax jikkonferma d-dati ezatt ta' meta kienu dawn it-telefonati.

Xehed **Redeemer Cutajar** nhar is-7 ta' Mejju 2021 u jghid li hu jahdem ghall-akkuzat u jaf lil martu meta kien imur jghabbi. Jghid li hu ma kienx hemm waqt l-incident. Jghid li kien prezenti ghal incident iehor li gara ftit gimghat qabel u gara hdejn il-garxx taghhom. Meta ratu hdejn il-garaxx ta' huh qaltlu li illum tifghu gewwa b'hanxra kbira. Jghid li l-imputat ma irreagixxiex ghad-diskors ta' martu. Ikompli jghid li huma wara marru l-ghassa, wara li cemplulhom.

[28] Folio 229 tal-process.
[29] Folio 235 tal-process.

Kontro-ezaminat jghid li hu jahdem mal-imputat u jaf bil-kundizzjonijiet li jmur fil-garaxx. Jghid li marru flimkien ghax marru biex jghabbu. ***Jghid li beda jmur mieghu ghax meta martu hebbet ghalih wegga' daru.*** [30] Jghid li hu seta' jismaghha ghax bdiet tghajjat b'hanxra[31].

Mistoqsi mill-Qorti jghid li hu beda jmur wara li gara l-kaz.

Waqt il-kontro-ezami ulterjuri jghid li fil-garaxx jidhol hu u l-akkuzat joqghod barra.[32]

Pierre Grima rega' xehed fl-20 ta' Lulju 2021 u ikkonferma x'gara fil-jum tal-arrest ta' zijuh u li wara dak l-incident zamm relazzjoni tajba kemm mal-imputat kif ukoll ma' zitu. Ma jaqbilx li huwa beda jirrikordja lil zitu imma huwa rrekordja lil kulhadd. Jghid li l-mobile marlu l-motherboard u ghandu l-hsara. Jghid li l-mobile hadu ghat-tiswija ghand habib tieghu.

Il-Qorti ordnat lix-xhud li jgib il-mobile il-Qorti u jghid ghand min hadu ghat-tiswija.[33]

---

[30] Folio 249 tal-process.
[31] Ix-xhieda giet sfilzata fejn din tirrrelata ghall-incident tat- 18 ta' Lulju 2019 li MHUX mertu ta' dawn il-proceduri. Ara digriet tal-10 ta' Mejju 2023 a Folio 298.
[32] Folio 253 tal-process.
[33] **Dan il-mobile qatt ma gie ipprezentat mix-xhud Pierre Grima. Ara ukoll ir-resistenza tieghu li jipprezentah permezz ta' rikors li gie michud a Folio 272 tal-process.**

Jaqbel li meta qal li l-handbag bdiet izzommu normali kien qed jirreferi ghal filmat li ezebixxa. Jaqbel li l-handbag izommu fuq l-ispalla. Jaqbel li l-filmat kien matul il-gurnata. Jista' jkun id-data tal-filmat kienet hazina. Jiddikjara li l-filmat huwa tal-van u fil-ghaxija jiskonnettja l-battery u ma joqghodx jirranga d-data.[34] Ikompli jghid li huwa ghandu sticker mal-van li qed jingibed il-filmat. Jghid li hu jbiegh minn van li jpoggih quddiem il-garage taz-ziju. Ma jafx ghala z-zija kienet qed tibza' fuq il-karrozza ghax dejjem kien johodha huwa ghat-tiswija, ihallas hu u imbaghad thallsu. ***Jikkonferma li giet klijenta u qaltlu li hasbet li z-zija ha tiggranfa liz-ziju.*** Jghid li l-klijenta toqghod faccata taghhom. Jghid li jisimha Jacqueline u li zewgha ra kollox. Jaqbel li ma kienx hemm waqt l-incident. Jghid li ma qallux li l-garage kien maghluq. Jghid li dan jinstema' fir-recording.

Xehed **Redeemer Cutajar** jaqbel li l-incident li xehed dwaru kien ta' Lulju 2019. Jikkonferma li fl-incident mertu tal-proceduri ma kienx prezenti.

**Ikkunsidrat:**

L-Artikoli principali tal-ligi li jirrigwarda din il-vertenza u li huma citati fir-rinviju tal-Avukat Generali huma s-segwenti:

Sub-titolu II

FUQ OFFIZI VOLONTARJI FUQ IL-PERSUNA

[34] Folio 264 tal-process.

214. Kull min, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, jikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħata' persuna oħra, jew iġibilha disordni f'moħħha, ikun ħati ta'offiża fuq il-persuna.

215. L-offiża fuq il-persuna tista' tkun gravi jew ħafifa.

…………………………………………………………………..

218. (1) L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn ħamsa sa għaxar snin

(a) jekk tikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iġġib difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, jew, marda permanenti tal-moħħ;

(b) jekk iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;(ċ) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġibilha l-abort.

(2) Id-debbulizza fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' parti tal-ġisem, u l-marda tal-moħħ, l-isfreġju gravi jew id-difett jitqiesu permanenti wkoll jekk x'aktarx ikunu hekk.

……………………………………………………………………………
……..

**Ikkunsidrat:**

L-ewwel u qabel kollox il-Qorti tirrileva li dan il-kaz dam wisq quddiemHa u dan tort tal-partijiet li gebbdu kemm felhu incident

pjuttost zghir u dahhlu f'dawn il-proceduri evidenza li ma ghandha x' taqsam xejn mal-incident tal-4 ta' April 2019 li b' kollox jirrizulta dam ftit minuti u li kien hemm prezenti biss ghalih il-partijiet u Benedict Emanuel Banner.

Il-Qorti mhux ser toqghod fuq dak li qal Pierre Grima li ghaliha huwa xhud mhux affidabbli. Dan qed tghidu minhabba l-fatt li l-komportament tieghu fuq il-pedana tax-xhieda kien wiehed difensorjali barra minn dan hu pproduca biss clip li dehrlu li kellu jipproduci u meta gie ordnat ghal diversi drabi biex jezebixxi il-mobile halli wiehed ikollu ukoll il-kwadru ta' x'seta' intqal bejnu u bejn l-imputat, huwa baqa' ma gabux minkejja li kien hekk ordnat lilu mill-Qorti.[35]

*In ogni caso* il-Qorti rat dak li ezebixxa Pierre Grima u ma tara xejn, li b'xi mod jikkontradici l-verzjoni tal-vittma u dak li qal ix-xhud Benedict Emanuel Banner.[36]

Issa huwa ben risaput li kull dubbju ghandu jimmilita favur l-akkuzat, pero' mhux kull dubbju jwassal biex l-akkuzat jigi liberat minn dak addebitat lilu. Il-Qorti qabblet il-verzjoni li ta' l-akkuzat *a tempo vergine* lill-pulizija nhar l-4 ta' April 2019 ghal habta tat- 3.20 pm waqt li kien fil-prezenza tal-avukat tieghu.[37] **F' din l-istqarrija hu imkien ma jghid li qala' xi daqqa ta' ponn minghand martu. Hu fl-ebda hin ghalkemm jghid li gie aggredid u li kellu grif ma ipproduca la certifikati medici u lanqas xi ritratti biex jikkonvincu lil din il-**

---

[35] **Il-Qorti tinnota li ix-xhud li skond Pierre Grima ra l-incident minn faccata qatt ma ingieb quddiem din il-Qorti. Dan ikompli jghajjef il-kredibilita' kemm ta' Pierre Grima kif ukoll it-tezi tal-imputat.**
[36] Dak li gie ezebit f' pen drive a Folio 242 tal- process. Filmat li juri lil vittma tixtri fejn il-van tal-haxix b' idejha infaxxata, u phone clips ta' 1.24 minuta, 15.29 minuta u iehor ta' 20.34 minuta li f' hafna mid-diskursati bejn il-vittma u ix-xhud huma irrevanti ghall-vertenza.
[37] Folio 10 tal-process.

**Qorti li dak li qed jittanta jallega huwa minnu.** Barra minn dan wiehed irid jara, kieku dawn l-allegati grif gew ippreservati jew dokumentati jekk tali griehi humiex b'xi mod allaccati ma' xi hadd li qed jagredixxi jew ghal kuntrarju xi hadd li qed jiddefendi ruhu minn xi hadd[38]. Lanqas hu kredibbli li jghid li hu kull ma ghamel iddefenda lilu innifsu meta jirrizulta li l-bieb tal-garaxx kien miftuh tant li dahal minghajr problem il-partner tat-tifel tieghu li kellu jintervjeni. Il-Qorti hija konvinta li kieku qala' daqqa ta' ponn kien isemmiha lill-ufficjal investigattiv u kieku kellu xi griehi kien jipprezenta evidenza fuq hekk. Dan kollu huwa ma ghamlux u dan meta huwa kien assistit mill-avukat tieghu Dr. Damian Cassar.

Il-Qorti tfakkar li biex ikun hemm l-iskriminatanti tal-legittima difesa iridu jissussistu tlett elementi ossija li l-attakk ikun '**ingust, gravi u inevitabbli**'[39]. Fil-kaz Il-Pulizija (Spettur Roderick Agius) vs Mario Zaffarese (Appell Nru: 345/2018) datat 12 ta' December 2018 il-Qorti tal-Appell Kriminali ppreseduta mill-Onorevoli Imhallef Consuelo Scerri Herrera stqarret:

**'Ghalhekk id-difiza trid tkun saret sabiex jigu evitati konsegwenzi li jekk javveraw ruhhom jikkagunaaw hsara irreparabbli lill-imputat, jigifieri hsara jew offiza fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tal-imputat jew ta' haddiehor. L-imputat irid jipprova li dak li ghamel ghamlu, stante li l-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument, ikun attwali, ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' periklu li tkun saret hinijiet qabel, ghax dan jista' jaghti lok biss**

[38] Dawn l-allegat grief lanqas gew konstatai tal-anqas mill-ufficjali tal-pulizija. Ara Folio 14 u 15 tar-rapport tal-pulizija.
[39] **Ir-Repubblika ta' Malta vs Allan Galea**, Att ta' Akkuza Numru 09/2013 Qorti ta' Appell (Sede Superjuri) pppreseduta mill-Onorevoli Imhallfin Joseph Zammit McKeon, Abigail Lofaro u Edwina Grima pagni 10 sa 14.

**ghall-provokazzjoni u mhux difiza legittima. Il-perikolu irid ikun ukoll assolut, cioe li f'dak il-mument li kien qed isehh ma setax jigi evitat b'mod iehor…'**[40]

Ghalhekk, il-Qorti tqis li ma tistax tistrieh fuq l-iskriminanti li qed jittenta jaghmel tal-legittima difeza ghax temmen li kien hu li beda u spicca l-aggressjoni fuq martu u l-affarijiet kienu possibiliment ikunu ghar li kieku ma intervenix is-sieheb ta' ibnu s-Sur Banner li sahansitra kellu jidhol bejn il-partijiet u ra lill-vittma go rokkna mwerwra. Il-Qorti izzid tghid li ma jirrizultax mill-atti li l-bieb tal-garaxx kien imsakkar u allura kieku verament kien hu li l-ewwel li gie aggredit kellu kull possibilitia' li johrog mill-garaxx u jkun hu li jitlob l-ghajnuna. Ma jirrizultax li hu talab xi ghajnuna lill-partner ta' ibnu li jidher li sa dak il-punt kellu relazzjoni tajba mieghu.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi ghandha issib lill-imputat hati tal-akkuza numru wiehed kif dedotta fic-citazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Ghar-rigward tal-kontravenzjoni kontemplata fl-artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li taqra:

(d) iħebb kontra persuna sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil din il-persuna jew lil ħaddieħor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi;

[40] Pagna 27 tas-sentenza.

Fis-senetnza **il-Pulizija vs Joseph Frendo** moghtija mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta’ Lulju 1995 Onor. Imhallef Vincent DeGaetano intqal:

**‘ifisser li l-agent jipprospetta lill-persuna ohra hsara ingusta fil-futur (liema hsara ma tkunx tammonta ghal reat iehor ikkontemplat band’ ohra fil-Kodici), liema hsara tkun ukoll tipprospetta li tiddependi mill-volonta’ ta’ l-istess agent’[41].**

Minghajr dubbju l-imputat holoq biza’ u dwejjaq fil-vittma u minghajr ma din il-Qorti terga’ tirrepeti l-osservazzjonijiet li diga’ ghamlet tqis li din il-kontravenzjoni ukoll giet ippruvata mill-prosekuzzjoni. Ir-recordings prodotti minn Pierre Grima, se mai, jixhdu li anki wara l-incident il-vittma baqghet imbezza’ mill-imputat u ghalhekk jirrizulta li bl-aggressjoni l-imputat ppospetta hsara mhux biss immedjata imma dwejjaq f’mohh il-vittma li hija setghet tigi aggredita ukoll fil-futur.

Ghaldaqstant, il-Qorti ser issibu lill-imputat hati tat-tieni akkuza taht l-artikolu 339(1)(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Ikkunsidrat:**

Jifdal imbaghad l-akkuza kontravenzjonali l-ohra taht l-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta li taqra hekk:

[41] Ikkwotata ukoll b’ approvazzjoni fis-sentenza **P vs Carmel Gauci** (App. Nru. 35/2022/1) deciz mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta’ Gunju 2022 per Onor. Imhallef Edwina Grima.

*'b'xi mod ieħor mhux imsemmi band'oħra f'dan il-Kodiċi, jikser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku';*

Jidher li dan l-incident sehh gol-garage tal-koppja u ghalhekk l-ordni pubbliku ma giex mittiefes. Lanqas jidher li dak li sehh gol-garaxx qajjem xi turbolenza f'dawk li kienu possibilment ghaddejjin jew jirrisjedu fil-vicin.

Ghaldaqstant, din il-Qorti mhux ser issiblill-imputat hati tat-tielet akkuza li agixxa bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Qorti qed taghmilha ghal darb' ohra cara li mhux ser tittollera bl-ebda mod dawn it-tip ta' incidenti li sfortunatament jidher li mad daqqa t'ghajn qed jiziedu. Ghalkemm jista' jkun li bejn koppja jkun hemm dizgwidi, wiehed ma ghandu qatt jasal biex jagredixxi, kemm b'mod verbali u lanqas b'mod fiziku lil parti l-ohra.**

Barra minn hekk, il-Qorti jidhrilha li dwar piena ghandha tikkunsidra l-eta' avvanzata tal-imputat, il-fatt li jidher li dan kien l-ewwel kaz serju bejn il-koppja li ma tghix taht l-istess saqaf, kif ukoll li s-saba' tal-vittma ma kellu l-ebda konsegwenzi serji matul is-snin. Il-Qorti hadet ukoll nota tal-fatt li l-imputat ma ghandux fedina penali daqstant

inkwetanti. Ikkunsidrat ukoll il-fatt li huwa ikkopera mal-pulizija fl-istadju investigattiv ghalkemm ma ammetta l-ebda htija.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli l-artikoli 214, 215, 218(1)(a)(b)(2), 221(1)(a),338(dd), 339(1)(d), 17, 31, 328A, 383, 384, 386, 412C, 412D, 532A, 532B, u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib l-imputat **FRANCIS GRIMA MHUX HATI** tat-tielet akkuza dedotta fil-konfront tieghu u qed tilliberah minnha filwaqt li qed issib lill-imputat **FRANCIS GRIMA HATI** tal-ewwel u tat-tieni akkuzi u qed tikkundannah ghall-piena ta' prigunerija ta' tmintax-il xahar habs li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal zmien sentejn mil-lum.

Inoltre' il-Qorti ai termini tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna lill-hati biex bl-ebda mod ma javvicina, jikkuntatja jew jimmolesta lil Carmela Grima Fizpatrick K.I. 816557M ghal perjodu ta' tnax-il xhar mil-lum taht penali ta' **elfejn Ewro (Ewro 2,000)**.

Finalment, il-Qorti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna lill-hati li jhallas lir-Registratur tal-Qrati Kriminali l-ispejjez ta' Dr. Mario Scerri ta' fis-somma ta' erba' mija u erbgha u tmenin Ewro (€484) fi zmien xahar mil-lum.[42]

[42] Ewro 259 u Ewro 225.

Il-Qorti spjegat lill-imputat din is-sentenza, l-obbligi tieghu taht din is-sentenza u l-konsegwenzi jekk huwa ma jonorax l-istess.

(ft) Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur.

Magistrat

(ft) Iamin Guarracino

Deputat Registratur.